MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 95

**It-Tnejn, 8 t' Ottubru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 95.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**95.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sur Horace Anastasi kien indispost u għaldaqstant ma setax ikun preżenti. F'dan ir-rigward is-Sur Anastasi ġie skużat skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

## 95.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**95.2** Il-minuti tal-laqgħa Numru 94 (erbgħa u disgħin) li saret fit-3 ta' Settembru, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 95.2.1 Korrezzjonijiet

95.2.1.1 Minuta 94.4.4 – minflok **trad-Distrett** issir **tad-Distrett**.

95.2.1.2 Minuta 94.5.5 – minflok **bil-pateċipazzjoni tal-Banda** issir **bil-possibilta' ta' parteċipazzjoni tal-Banda**.

95.2.1.3 Minuta 94.6.3 – **bejn 10k u 12k** issir **bejn €10k u €12k.**

## 95.3 Punti mqajma mill-minuti

**95.3.1** Minuta 94.3.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill xtara vann Peugeot Bipper tas-sena 2010 għas-somma ta' €5,000 fejn dan il-vann, oriġinarjament kienet qed tintalab is-somma ta' €6,000. Is-Sindku qal li qabel ma dan inxtara ttieħed għand il-mekkanik sabiex issirlu spezzjoni u nimxu skond ir-rakkomandazzjoni tiegħu. Ġie ssuġġerit ukoll sabiex il-vann isirlu *sevice* ġenerali.

Il-membri qablu unanimament.

**95.3.2** Minuta 94.3.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li dwar ir-regolamenti tal-GDPR ħa parir legali mingħand l-Avukat fejn qiegħed jingħad li l-Kunsill għandu jżomm id-*data* għall-inqas żmien possibbli. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex l-Kunsill jibda jżomm data li tmur lura għal 10 snin. Apparti minn hekk ġie deċiż ukoll sabiex insibu kumpanija li tagħmel *mobile shredding* minn fejn il-bini tal-Kunsill sabiex b'hekk inkunu nistgħu nipproċedu ħalli nneħħu d-dokumenti li għandna żejda.

Il-membri qablu unanimament

Is-sindku kompla qal li fuq ic-CCTV cameras l-Avukat infurmat lill-Kunsill li:

- M’hemmx obligazzjoni li ninfurmaw lill-Kummisarju tad-Data Protection dwar l-installazzjoni ta’ CCTV cameras.
- Obbligati li jsir Data Protection Impact Assessment (DPIA) minħabba moniteraġġ sistemattiv u estensiv ta’ postijiet aċċessibbli mill-pubbliku.
- Jekk is-sorveljanza tal-vidjo tkun proporzjonata, m’hemmx bżonn ta’ awtorizzazjoni anke għall-ħaddiema
- Is-sorveljanza tal-camera u r-recodings maħżuna w id-data personali jridu jkunu maħżuna mingħajr ma jkun hemm aċċess li mhux awtorizzat.

Il-membri qablu unanimament.

**95.3.3** Minuta 94.3.6 - Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| Ilment 298A | Is-Sindku ppreżenta affidavid fejn is-sid ikkonferma li l-garaxx ta’ Triq il-Markiż Scicluna mhux ser jintuża bħala store. F’dan ir-rigward kien hemm qbil sabiex issir il-kaxxa safra quddiem il-garaxx. |

**95.3.4** Minuta 94.4.1 – Is-Sindku nforma lill-Membri li attenda għat-taħrika tal-kawża li infetħet mill-Pulizija ta’ Malta vs Pawlu Vella dwar il-bieb li hemm fi triq l-Imsida. Il-Qorti ddecidiet li din il-kawża ġiet preskritta. Is-Sindku qal l-aħjar li jsir komunikat mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiċċertifikalna li l-istruttura tal-bieb, wara li sar xi manutenzzjoni, m’għadiex ta’ periklu. Is-Sindku ddiskuta mal-membri dwar il-possibilta li dan il-bieb jiġi mgħoddi jekk is-sid ser jibqa ma jagħmillux il-manutenzzjoni neċessarja.

Il-membri qablu unanimament.

**95.3.5** Minuta 94.4.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-laqgħa kordjali mas-Supretindent saret u kienet waħda ta’ suċċess. Infatti qed ikun innutat li qed jittieħdu azzjonijiet immedjati meta l-Kunsill qed ikollu bzonn l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija.

**95.3.6** Minuta 94.4.4 - Is-Sindku nforma lill-membri li saret il-laqgħa mal-Wasteserv fil-preżenza tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv u s-Sur Silvio Vella dwar is-sistema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart organiku li ser tkun introdotta kemm f’Santa Venera u fil-lokalitajiet kollha ta’ Malta u Għawdex mill-31 t’Ottubru 2018. Is-Sindku qal li dan il-ġbir ser jibda jsir kull nhar ta’ Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Il-borża s-sewda ser tibda tinġabar ukoll kull nhar ta’ Tnejn, Ħamis u Sibt. Apparti minhekk il-Wasteserve talbu sabiex jitneħħew l-iskips iżda s-Sindku irrimarka li wara diskussjoni sar qbil biex l-iskips jibqgħu hemm temporanjament sakemm ir-residenti ikunu draw is-sistema l-ġdida.

Il-membri qablu unanimament.

**95.3.7** Minuta 94.4.5 - Is-Sindku għarraf lill-membri li għat-tilqima kontra l-influwenza applikaw madwar 280 resident.

.

**95.3.8** Minuta 94.5.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li fuq nominazzjoni tal-Kunsill, s-Sur Philip Chircop rebaħ l-Anzjan Attiv 2018 minn fost 49 parteċipant. Wara diskussjoni ġie deċiż li waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Santa Venera, l-Kunsill għandu jirrikonoxxi lis-Sur Chircop għal dan l-unur.

Il-membri qablu unanimament.

**95.3.9** Minuta 94.5.4 - Is-Sindku nforma lil-membri li wara li l-Kunsill bagħat email lil Refab Lightblue Partnership sabiex issir xi forma ta dikjarazzjoni li l-ħwejjeġ li qed jinġabru mil-lokalita' ta' Santa Venera qed jingħataw lill-istituzzjonijiet tal-Karita', dawn ikkonfermaw li kif ħaseb il-Kunsill dawn il-ħwejjeġ mhux qed imorru għall-Karita'. Is-Sindku qal ukoll li bħalissa għaddejja ukoll kawża l-Qorti bejn din il-Kumpanija u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

F'dan il-ħin is-Sur Silvio Vella beda jitkellem fuq il-proġett li sar miż-Żgħażagħ fuq l-iskudett li hemm mal-faċċata ta' ġnien Romeo Romano fejn qal li x-xogħol ma sarx sew skont is-sengħa, Is-Sindku intervjena u talab lis-Sur Vella sabiex dan il-punt ikun diskuss aktar tard għaliex irid jimxi skont l-Aġenda. F'dan l-istadju, fis-6.30 pm, is-Sur Vella qam minn fuq il-mejda, ħareġ mill-kamra u telaq.

Is-Sindku kompla bil-laqgħa u nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Malta Textiles Recycling fejn is-Sur Mario Borg qed jitlob sabiex isir ftehim fuq il-ġbir tal-ħwejjeġ fejn il-ġabra tista isir ukoll bieb bieb. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex ninfurmaw lis-Sur Borg sabiex jiġi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex issir diskussjoni dwar dan is-servizz.

**95.3.10** Minuta 94.6.3 - Is-Sindku talab lil Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħati l-aħħar żviluppi fuq l-attivita *Notte da Venerare*.

## 95.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**95.4.1** Is-Sindku nforma lill-Membri li x-xogħol fuq l-iskudett tlesta u issa l-pass, li jmiss hu li ninfurmaw il-Perit tal-Kunsill u lill-PA sabiex jiċċertifikaw li r-restawr sar hekk kif titlob is-sengħa u l-arti.

## 95.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**95.5.1** Is-Sindku nofrma lill-Membri tal-Kunsill li irċieva talba mingħand l-iskrivani tal-Kunsill sabiex iġeddu il-*Vacation Leave* mis-sena 2018 għas-sena 2019 skont kif titlob il-liġi. Is-Sur Carmel Busuttil u s-Sinjura Annalise Mallia jixtiequ li jġeddu 96 siegħa kull wieħed.

Il-membri qablu unanimament

**95.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li t-terminu ta' tletin (30) ġurnata tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv skada u għaldastrant talbuna sabiex il-Kunsill iġedded dan it-terminu. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie deċiż sabiex id-Deputat Segretarju Eżekuttiv jibqa' f'din il-pożizzjoni sat-terminu tal-leġislatura ta' dan il-Kunsill.

Is-Sindku ppropona filwaqt li s-Sur Jonathan Brimmer ssekonda din il-proposta. Il-kumplament tal-membri qablu unanimament.

**95.5.3** Is-Sindku informa lill-membri dwar Ċirkulari AKL 2018/107 sabiex il-ħlas ta' kontijiet tad-dawl u ilma isiru fil-Kunsilli. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli laħqet ftehim mal-ARMS li din tgħaddi 50c għal kull kont li jiġi mħallas fil-Kunsilli rispettivi. Wara diskussjoni bejn il-membri kulħadd qabel li din is-sistema tinvolvi ħafna xogħol iżda apparti minn hekk il-Kunsill mhux attrezzat b'ċertu faċiltajiet u għaldaqstant għadu mhux iż-żmien li l-Kunsill jikkontribwixxi f'din l-iskema. Madanakollu, kien hemm qbil sabiex niktbu lill-AKL fejn ninfurmawhom li sabiex jinbeda dan is-servizz il-Kunsill irid ikun attrezzat bi *cubicles*, jiġi aċċessibbli, li ikollu *safe* u li jiġi pprovdut uffiċċjal tas-sigurta.

Il-membri qablu unanimament.

**95.5.4** Is-Sindku nforma lil-membri li rċieva korrispondenza sabiex il-Kunsill jinnomina lil persuna għall-Premju Soċjetà Ġusta 2018. Dan il-premju jirrikonoxxi individwu b'diżabilita' li juri kwalitajiet li permezz tagħhom għamel jew għamlet id-differenza kira u pożittiva f'dan is-settur.

Wara diskussjoni s-Sindku ppropona li għandha tkun nominata is-Sa Melissa Pace. Is-Sur Jason Mangani ssekonda l-proposta filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**95.5.5** Is-Sindku nforma lill-membri li ta' kull sena fiż-żmien il-ġranet tal-Milied, il-Kunsill jagħmel attivita fejn il-banda tas-Socjeta Filarmonika Santa Venera iddoqq madwar it-toroq tar-raħal. Din l-attivita' tiswa lill-Kunsill €1,000.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimanment.

**95.5.6** Is-Sindku informa lill-membri li rċieva ittra mingħand il-kandidat prospettiv għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew Dr Joe Sammut sabiex issir laqgħa kordjali miegħu.

Wara diskussjoni l-membri b'mod unanimu qablu li għandha tkun iffista data meta tista tissejjaħ din il-laqgħa.

**95.5.7** Ġiet ippreżentata kwotazzjoni tal-monument taċ-ċentinarju. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandna nipproċedu in vista li l-kwotazzjoni ppeżentata taqa' taħt il-parametri tal-liġi. Sadanittant kien hemm qbil ukoll sabiex jiskattaw il-pjanti u l-permessi meħtieġa.

## 95.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**95.6.1 Rakkomandazzjoni Ġieħ / Mertu Santa Venera 2018 -** Is-Sindku informa lill-membri li l-Bord tal-Għażla tal-Ġieħ u Mertu Santa Venera iltaqa' u wasal għar-rakkomandazzjoni. Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra ir-rakomandazzjoni tal-Bord.

F'dan l-istadju (fis-7.15pm), Silvio Vella daħal għall-kumplament tal-laqgħa.

Is-Segretarju nforma lill-membri li l-Bord tal-Għażla ltaqa' il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2018, fl-4.30 ta' wara nofsinhar fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u fetaħ in-nominazzjonijiet, li kienu nġabru u ġew issiġillati fl-istess data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet. Għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2018 kien hemm b'kollox disa' (9) nominazzjonijiet.

Fil-preżenza ta' membri tal-kumitat u tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv infetħu n-nominazzjonijiet u dawn kienu:

1. Is-Sur Sandro Muscat (darbtejn)
2. It-Tabib Michael Axiaq
3. L-Ordni Karmelitana (tlett darbiet)
4. Is-Sur Alfred Cachia
5. Is-Sur Joe Vella
6. Scouts Santa Venera

In-nomini kollha kienu validi skont dak li hu ndikat fil-linji gwida (artiklu 1.0). Il-motivazzjoni ta' kull nomina nqrat u ġiet analizzata u diskussa mill-membri tal-Kumitat abbażi ta' artikli 4.0 u 5.0 tal-istess linji gwida. Dan wassal sabiex in-nominanti jiġu kklassifikati f'klassifika skont il-motivazzjonijiet li kitbu l-proponenti li huma responsabbli tal-kontenut tal-formola skont kif indikat fil-linji gwida (sub artiklu 7.1.6.1) u ssekondati mill-persuni sekondanti.

Wara diskussjoni u evalwazzjoni fuq in-nominati kollha, il-Kumitat unanimament qablu li n-nominazzjoni tal-Ordni tal-Kamelitani kienet tikklassifika ferm 'il quddiem minn nominazzjonijiet l-oħra. Waqt l-istess evalwazzjoni kien innutat ukoll lis-Sur Alfred Cachia jistħoqlu li jingħata l-mertu dan minhabba l-fatt li tul iż-żminijiet dejjem ħadem lejn il-parroċċa u l-Vendriżi.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kumitat jirrakkomanda lill-Kunsill Lokali Santa Venera li:
Ġieħ Santa Venera 2018 jingħata lill-Ordni Karmelitana u l-Mertu Santa Venera 2018 jingħata lis-Sur Alfred Cachia.

Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona u s-Sur Jonathan Brimmer ssekonda din ir-rakkomandazzjoni filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament.

Waqt din il-laqgħa s-Sindku pprezentata wkoll il-lista tal-ispejjez li hija marbuta ma din l-attivita' ta' Jum Santa Venera u kien hemm qbil sabiex għar-rigward ta *catering* immorru fuq l-irħas kwotazzjoni li ġiet ippreżentata.

**95.6.2 Tender tal-Knis** – Is-Sindku nforma lill-membri li t-tender tal-knis jinsab fil-fażi tal-aġġudikazzjoni u fil-laqgħa li jmiss ser jippreżenta r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-aġġudikazzjoni.

**95.6.3 Ftuħ/Egħluq ta' Ġonna u *Playgrounds*** – Minħabba l-problema li kien hemm dwar l-ftuħ u l-egħluq ta' Ġnien Romeo Romano u tal-bandli Ġuże Flores, s-Sindku ssuġġerixxa sabiex ix-xogħol tal-ftuħ u l-egħluq tal-ispazji pubbliċi jibda jsir mill-Għaqdiet tal-Lokal bi ħlas. Wara diskussjoni twila ġie deċiż sabiex titbgħat ittra lill-Għaqdiet kollha sabiex il-Kunsill ikun jaf min huma dawk interessati.

Is-Sur Darren Carabott ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament.

**95.6.4 *Website*** – Is-Sindku ddiskuta mal-membri li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill ikollu website li tkun mantenuta w aġġornata b'mod regolari. F'dan ir rigward is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill iġib il-kwotazzjonijiet mingħand Web administrators.

Is-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament

## 95.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 95.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet

Il-membri qablu unanimament

## 95.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 361 sa 443.

| | |
|---|---|
| 361 | Logografix |
| 364 | Irid ikun hemm bye law |
| 365 | Ħaddiema Assenjati |
| 369 | Contracts Manager |
| 372 | Awtorizzazzjoni minn TM u Pulizija |
| 383 | Contract Manager |
| 385 | Bankini huma ġodda |
| 386 | Contract Manager |
| 388 | Grima & Sons |
| 403 | Ċentru Ħidma Soċjali |
| 406 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 408 | Contracts Manager |
| 415 | Contracts Manager |
| 416 | Irid ikun parti minn proġett kapitali |
| 417 | 1. Nitolbu ritratti tal-post indikat<br>2. Isiru l-ħadid fit-twieqi tal-latrina |
| 418 | Hemm diġa *sleeping police* fil-viċinanzi |
| 419 | Sar tibdil fit-traffic management |
| 420 | Jitwaħħlu CCTV cameras |
| 422 | Nitolbu il-permessi tal-PA, issir il-kaxxa s-safra u l-bankina ssir a' spejjeż tas-sid |
| 423 | Transport Malta |
| 424 | Micamed |
| 425 | Transport Malta |
| 426 | Sanita |
| 427 | Ma tistax issir |
| 432 | Minħabba periklu ħadd ma jista' jipparkja sakemm titlesta l-binja |
| 433 | Ħaddiema Assenjati |
| 434 | Ħaddiema Assenjati |
| 435 | Ħaddiema Assenjati |
| 436 | Kunsill Lokali B'Kara |
| 437 | Ma jista' jsir xejn ħlief rapport lis-Sanita' |
| 438 | Contracts Manager |
| 439 | Transport Malta |
| 440 | Xogħol sar |
| 441 | Infurzar bil-pulizija |
| 442 | Contracts Manager |
| 443 | Infurzar bil-pulizija |

## 95.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għall- 5 ta' Novembru, 2018, fil-5.30pm

Konfermati, illum 5 ta' Novembru, 2018

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv